# Il-knisja ta' Santa Cristina de Lena

# - fir-reġjun tal-Asturias, fi Spanja -

Kitba ta' Noel Ciantar

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

Santa Cristina de Lena hija knisja tas-seklu disa' u nbiet fl-853 WK jiġifieri madwar 17-il sena qabel il-miġja tal-Għarab f'Malta. Il-knisja tinsab fil-muniċipalità ta' Lena, xi 25 kilometru 'il bogħod minn Orviedo fir-reġjun tal-Asturias fi Spanja.

Biex inqiegħdu d-data f'kuntest, ta' min isemmi li r-Re tal-Franki Karlumanju kien ġie nkurunat bħala Imperatur tal-Imperu Qaddis Ruman fil-Milied tas-sena 800 mill-Papa Ljun III. L-arkitettura hija tal-istil "*Pre-Romanesk*", terminu użat l-aktar fl-arkitettura ta' bejn is-snin 500 u 900 WK. Din il-knisja hija ta' nteress għalina għax f'Malta m'għandna l-ebda knisja jew struttura li għadha wieqfa minn din l-epoka partikolari għajr għal xi ċint jew pedament fi struttui aktar tardivi.

Bħalma wieħed jinnota, dan hu perjodu fl-istorja li hawn min isejjaħħlu "*iż-żmien mudlam*" iżda jekk f'Malta ma kien hawn tassew xejn, il-kontinent ma kienx nieqes mill-arti kif wieħed seta' jaħseb. Minħabba f'hekk, illum ġeneralment nużaw it-terminu "*Medju Evu Bikri*" għal dan il-perjodu L-istil ta' din il-knisja hu taħlita tal-istil klassiku tal-Mediterran mal-istil Ġermaniż tal-Viżigoti li aktar tard inbidel fl-istil Romanesk. Fl-Ewropa tal-punent l-Imperu Ruman kien spiċċa iżda il-Meroviġjani u mbgħad warajhom il-Franki, baqgħu jibnu monasteri, palazzi u knejjes kbar tal-ġebel.

Din il-knisja hija mlaqqma wkoll bħala "*l-knisja ta-kantunieri*" għax minn barra fiha ħafna rfid (*flying buttresses*) biex jerfgħu l-istruttura. Il-pjanta hija waħda rettangolari, forma ta' salib Grieg, b'saqaf troll b'erba' strutturi magħqudin magħha, waħda fin-nofs ta' kull faċċata. Waħda minn dawn l-istrutturi hija speċi ta' intrata stil Pre-Romanesk tal-Asturias u fuha a

hemm it-tribuna rjali li titla' għaliha minn taraġ mibni mal-ħajt tal-lemin. Taħtha hemm żewġ niċċeċ, waħda f'kull tarf, li kienu jintużaw jew mill-pellegrini biex jorqdu fihom jew mill-fidili biex jimmeditaw fil-kwiet.

Fin-naħa tal-Lvant hemm l-apside unika tal-altar fi spazju magħluq: din hi differenti mill-istil Asturjan Pre-Romansek u għandha ikonostasis bi tlett arkati u turi influnweza aktar bikrija tal-Viżigoti. Fin-naħat tat-Tramuntana u ta' Nofs-in-Nhar hemm spazju magħluq b'saqaf troll mirfud minn arkati nofs tond li kienu jintużaw f'ċelebrazzjonijiet liturġiċi fi Spanja sas-seklu ħdax. Setgħu ukoll servew bħala sagristiji matul iż-żmien.

Il-presbiterju ta' din il-knisja ċkejkna jinsab mgħolli 'l fuq sular fit-tarf tal-korsija ċentrali u separat mill-parti fejn ikun hemm il-kongregazzjoni bi tlett arkati li jserrħu fuq kolonni tal-irħam. Jidher li din is-separazzjoni bejn il-parti tal-kongregazzjoni u l-presbiterju (l-ikonostasis) kienet tipika tal-knejjes fl-Asturia iżda li ma kontx issibha fi knejjes oħrajn tal-epoka. Barra minn hekk, din l-ikonostasis bi tlett arkati b'kaptelli ta' stil Korintu taż-żmien Pre-Romanesk hija unika għal din il-knisja.

Il-plakka tal-ġebel fl-arkata tan-nofs tal-ikonostasis hija eqdem u jidher li kienet fi struttura eqdem tas-seklu seba' u għandha karatteristiiċi tal-Viżigoti.

Il-videos li għażilt huma rikostruzzjonijiet 3–dimensjonali u huma mezz tajjeb kif wieħed jiddokumenta strutturi mportanti għall-istudju, speċċjalment jekk ċertu strutturi ikunu ser jintilfu.